**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 38**
**L-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022 fl-4:00 p.m.**

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - ĦADDIEMA MQABBDA MA' KUNTRATTURI**

**1531. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 372, jista' l-Prim Ministru jagħti din l-informazzjoni fir-rigward tal-ħaddiema li qegħdin jagħtu servizz lill-Gvern u li huma impjegati mal-kuntrattur u mhux fir-rigward tal-ħaddiema kollha tal-kumpanija privata?

13/06/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li fid-dekasteru tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru hemm 45 ħaddiem li qegħdin jagħtu servizz lill-Gvern u li huma impjegati mal-kuntrattur.

Seduta 38
26/10/2022

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA - ĦADDIEMA MQABBDA MA' KUNTRATTURI**

**1532. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 373, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti din l-informazzjoni fir-rigward tal-ħaddiema li qegħdin jagħtu servizz lill-Gvern u li huma impjegati mal-kuntrattur u mhux fir-rigward tal-ħaddiema kollha tal-kumpanija privata?

13/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fir-rigward tal-impjegati msemmija minnu, id-Dipartiment tas-Saħħa, permezz tac-CPSU (Central Procurement and Supplies Unit) jagħti kuntratti abbażi tas-sigħat ta' xogħol mixtieqa u mhux ta' ħaddiema individwali.

Seduta 38
26/10/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - ĦADDIEMA MQABBDA MA' KUNTRATTURI**

**1533. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 374, jista' l-Ministru jagħti din l-informazzjoni fir-rigward tal-ħaddiema li qegħdin jagħtu servizz lill-Gvern u li huma impjegati mal-kuntrattur u mhux fir-rigward tal-ħaddiema kollha tal-kumpanija privata?

13/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** B'referenza għad-domanda tal-Onor. Interpellant, infurmat li hemm tmien ħaddiema mqabbda ma' kuntrattur.

Seduta 38
26/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - ĦADDIEMA MQABBDA MA' KUNTRATTURI**

**1534. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 375, jista' l-Ministru jagħti din l-informazzjoni fir-rigward tal-ħaddiema li qegħdin jagħtu servizz lill-Gvern u li huma impjegati mal-kuntrattur u mhux fir-rigward tal-ħaddiema kollha tal-kumpanija privata?

13/06/2022

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ għamel użu minn dawn is-servizzi ta' hawn taħt. Ir-rata li l-Ministeru jħallas lill-kuntrattur hija skont dik kif inkluża fl-offerta tal-kuntrattur/i fis-sejħa tal-offerti.

| **Pożizzjoni** | **Numru ta' Impjegati sal-aħħar ta' Settembru 2022** | **Ħlas kull siegħa li l-Ministeru iħallas lill-Kuntrattur** | **Ħlas minimu li il-Kuntrattur obligat jagħti lil Impjegat skont Ċirkulari tal-Kuntratti 21/2021** |
|---|---|---|---|
| Gwardjan tas-Sigurtà | 5 | €9.99 | €7.08 |
| Assistent Skrivan | 4 | €8.63 | €6.09 |
| Skrivan | 2 | €9.99 | €7.08 |
| Skrivan Ogħla | 3 | €11.41 | €8.11 |
| Cleaners (Uffiċċji) | 6 | € 7.37 | € 5.17 |

Seduta 38
26/10/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - ĦADDIEMA MQABBDA MA' KUNTRATTURI**

**1535. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 376, jista' l-Ministru jagħti din l-informazzjoni fir-rigward tal-ħaddiema li qegħdin jagħtu servizz lill-Gvern u li huma impjegati mal-kuntrattur u mhux fir-rigward tal-ħaddiema kollha tal-kumpanija privata?

13/06/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 38
26/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - ĦADDIEMA MQABBDA MA' KUNTRATTURI**

**1536. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 377, jista' l-Ministru jagħti din l-informazzjoni fir-rigward tal-ħaddiema li qegħdin jagħtu servizz lill-Gvern u li huma impjegati mal-kuntrattur u mhux fir-rigward tal-ħaddiema kollha tal-kumpanija privata?

13/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 38
26/10/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - IMPJEGAT**

**2019. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu x-xogħol li beda jwettaq il-persuna, li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, fil-Ministeru tiegħu, u li sa ftit jiem ilu kien Spettur fil-Korp tal-Pulizija?

27/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuna msemmija mhix impjegata fil-Ministeru kif indikat.

Seduta 38
26/10/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – RIŻENJA TA' SPETTUR FIL-KORP**

**2020. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid għaliex irriżenja f'daqqa waħda mill-Korp tal-Pulizija l-Ispettur, li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, li kellu f'idejh l-Inkjesta Maġisterjali tal-VGH? Jista' jgħid kemm-il sena kien baqagħlu għal 25 sena servizz?

27/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-inkjesti maġisterjali jitmexxew mill-Maġistrat.

Seduta 38
26/10/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – UNIFORMI TAL-MEMBRI**

**2105. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-uniformi tal-Korp tal-Pulizija hux se tinbidel din is-sena?

30/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-proċess biex din is-sena tinbidel l-uniformi tal-Korp tal-Pulizija diġà nbeda.

Seduta 38
26/10/2022

**PACEVILLE – PERSUNI LI KKOMMETTEW DIVERSI REATI**

**2106. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx identifikati l-persuni li fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Ġunju, 2022 ikkommettew diversi reati f'Paceville quddiem l-istabbiliment, li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, fosthom tentattiv ta' ferita gravi, ksur ta' bon ordni u theddid?

30/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Pulizija ressqet persuni l-Qorti.

Seduta 38
26/10/2022

**QRATI: REĠISTRU TAL-KRIMINALI – LINJI TAT-TELEPHONE BIL-ĦSARA**

**2107. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn numru ta' linji tat-telephone fir-Reġistru Kriminali fil-Qorti (tieni sular) ilhom ġimgħat bil-ħsara?

30/06/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-linji tat-telephone fir-Reġistru tal-Kriminal tat-tieni sular huma kollha finzjonanti u qed jaħdmu.

Seduta 38
26/10/2022

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**2140. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1643 u jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

04/07/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu ta' spiss jagħmlu materjal informattiv fuq il-midja kemm bħala reklamar, kif ukoll bħala slots informattivi. Dan bil-għan li l-pubbliku jkunu mgħarraf bl-attivitajiet / inizjattivi li jittieħdu.

B'referenza għal dak li qed jistaqsi dwaru l-Onor. Interpellant, it-tagħrif għall-perjodu ta' ħames snin kif indikat minnu hu kif ġej:

| Data tal-Programm | Min mar | Ħlas | Lil min sar il-ħlas |
|---|---|---|---|
| 3, 10, 17, 24 ta' Ġunju 2020 | Ministru Zammit Lewis | € 566.40 | One Productions Ltd |

Seduta 38
26/10/2022

**IL-FGURA – TRIQ SAN PIETRU – TRAFFIKU**

**2335. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu sabiex l-inkonvenjent għall-pubbliku fit-traffiku li ġie maħluq reċentement fil-parti ta' wara ta' Triq San Pietru, il-Fgura minħabba x-xogħol f'Triq Mater Boni Consiglii jiġi mtaffi u korrett?

05/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interprellant li l-involviment ta' Transport Malta kien biss biex jigwida lill-kunsill fl-użu ta' sinjali tat-traffiku wara konsultazzjonijiet li saru bejn l-istess entità u l-kunsill lokali.

Seduta 38
26/10/2022

**IL-FGURA – TRIQ L-ISPONSUN - TINDIF**

**2336. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq l-Isponsun, il-Fgura jkollha tindif iktar regolari tul il-ġimgħa?

05/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Fgura li t-tindif fi Triq l-Isponsun fil-Fgura qed isir skont it-tender document, kif miftiehem u maqbul mill-Kunsill.

Seduta 38
26/10/2022

**IL-FGURA – TRIQ ROMANO CARAPPECCHIA – PROBLEMA TA' ĠRIEDEN**

**2337. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara x'passi ttieħdu sabiex il-problema ta' ġrieden kbar li hemm fi Triq Romano Carappecchia Fgura tiġi indirizzata?

05/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Fgura li ż-żona msemmija ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali. Għaldaqstant ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel l-interpellanza tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 38
26/10/2022

**IL-FGURA – TRIQ SAN ĠWANN – QTUGĦ TA' DAWL**

**2338. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il darba nqata' d-dawl din is-sena fi Triq San Ġwann, il-Fgura u tindika r-raġuni għala u x'passi ser jittieħdu biex dan ma jkomplix iseħħ?

05/09/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Fi Triq San Ġwann, il-Fgura, kien hemm problema li bdiet tikkawża qtugħ ta' dawl. Irriżulta li dan il qtugħ kien ġej minn ħsara li żviluppat fuq feeder li jissupplixxi l-elettriku lil din it-triq u immedjatament saru t-tiswijiet meħtieġa mit-tekniċi tal-Enemalta. Ovvjament waqt li saru dawn it-tiswijiet, il-provvista tal-elettriku kellha terġa' tiġi sospiża biex ma jkunx hemm periklu għal ħaddiema li kienu qed jagħmlu t-tiswijiet.

Seduta 38
26/10/2022

**IL-FGURA – TRIQ L-ISKOLA – QTUGĦ TA' DAWL**

**2339. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il darba nqata' d-dawl din is-sena fi Triq l-Iskola, il-Fgura u tindika r-raġuni għala u x'passi ser jittieħdu biex dan ma jkomplix iseħħ?

05/09/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 2338 peress li l-provvista tal-elettriku fi Triq l-Iskola tingħata mill-istess feeder ta' Triq San Ġwann.

Seduta 38
26/10/2022

**IL-FGURA – TRIQ VELLERAN – XOGĦLIJIET FUQ TRIQ**

**2340. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju ta' xogħol ta' kostruzzjoni wasal, fi Triq Velleran, il-Fgura? Jista' jgħid kemm huwa kalkulat li ser iddum iktar biex tiġi finalizzata u kemm ser tiġi tiswa?

05/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 38
26/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - ADVISORS**

**2618. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Ministeru jimpjega Advisor wieħed li jagħti pariri legali u total tan-nefqa hu ta' €9,000 (excl. VAT) kull 6 xhur.

Seduta 38
26/10/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - ADVISORS**

**2619. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar u t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 38
26/10/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - ADVISORS**

**2620. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm impjegat Advisors fil-Ministeru tagħha u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-Ministeru impjega 4 Advisors. Dawn huma:
- 2 impjegati fuq skala 4 full-time;
- 1 impjegat fuq skala 5 part-time; u
- 1 impjegat fuq skala 9 full-time.

Seduta 38
26/10/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - ADVISORS**

**2621. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata seduta oħra.

Seduta 38
26/10/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - ADVISORS**

**2622. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fi ħdan l-iStrategic & Priorities Unit fil-Ministeru għal Għawdex attwalment hemm ħames Advisors (wieħed fuq bażi full-time u l-oħrajn fuq bażi part-time). It-total tan-nefqa kull xahar (maqsum fuq paga ta' kull erba' ġimgħat) hija dik ta' €7,975.29.

Seduta 38
26/10/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - ADVISORS**

**2623. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li fil-Ministeru mmexxi minni hemm 2 full-time advisors u part-time advisor (20 siegħa) li s-salarju tagħhom hu fi Skala 3.

Seduta 38
26/10/2022

**SPTARIJIET PUBBLIĊI F'MALTA – ĦINIJIET TAŻ-ŻJARAT DIFFERENTI GĦAL QRABA TA' PAZJENTI RESIDENTI F'GĦAWDEX**

**2866. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk fl-Isptar Mater Dei u sptarijiet oħra pubbliċi f'Malta hemmx ħinijiet extra jew differenti għall-familjari u ħbieb ta' pazjenti residenti f'Għawdex li jkunu rikoverati f'Malta u dan tenut kont tal-ivvjaġġar kuljum li jkun hemm bżonn biex iżuru lill-qraba tagħhom fl-isptarijiet f'Malta?

10/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Isptar dejjem jaddotta ħinijet li jiġu stabbiliti għall-benefiċċju tal-pazjent. Biex isiru arranġamenti speċjali f'każijiet eċċezzjonali, irid isir ftehim ma' min ikun in charge tas-sala.

Seduta 38
26/10/2022

**WIED IL-GĦASRI – XOGĦLIJIET GĦAL TITJIB TAL-AĊĊESS GĦALL-BAJJA**

**2867. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ippjanati xogħlijiet biex jitjieb l-aċċess għall-bajja ta' Wied il-Għasri li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed tkun frekwentata minn turisti? Jista' jgħid x'qed jiġi ppjanat biex bl-ebda mod ma tiġi meqruda s-sbuħija tal-post?

10/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'siti bħal dawn wieħed irid joqgħod attent x'tipi ta' interventi jsiru biex bl-ebda mod ma ssir ħsara ambjentali. M'iniex infurmat li hemm xi problemi partikulari ta' aċċess għal dan is-sit.

Seduta 38
26/10/2022

**SANTWARJU TA' PINU U D-DWEJRA – LATRINI PUBBLIĊI**

**2868. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta ser ikun lest ix-xogħol fuq il-faċilitajiet ta' latrini pubbliċi ħdejn is-Santwarju ta' Pinu u fid-Dwejra u dan peress li dawn huma l-aktar żewġ postijiet li jżuru t-turisti u l-Maltin li jiġu Għawdex u issa ilhom is-snin li l-faċilitajiet eżistenti ngħalqu u li nbeda x-xogħol?

10/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn informazzjoni li għandi, ix-xogħlijiet fuq il-latrini pubbliċi tas-Santwarju ta' Pinu - li jifformaw parti mill-kumpless taċ-ċentru tal-viżitaturi - qed isiru mit-tmexxija tal-istess Santwarju ta' Pinu. Min-naħa l-oħra, ix-xogħol fuq il-latrina pubblika tad-Dwejra, li qed isir mill-Ministeru għal Għawdex, se jibda fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 38
26/10/2022

**DGĦAJJES IRREĠISTRATI BĦALA MFC MINN PERSUNI RESIDENTI F'GĦAWDEX**

**2869. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm dgħajjes irreġistrati bħala MFC minn persuni residenti f'Għawdex fl-aħħar tas-sena 2015 u kemm kien in-numru ta' dawn id-dgħajjes irreġistrati f'Għawdex fl-aħħar ta' kull sena minn dakinhar sal-lum? Jista' wkoll jgħid fil-preżent kemm hemm dgħajjes irreġistrati bħala MFC minn persuni residenti f'Għawdex?

10/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata seduta oħra.

Seduta 38
26/10/2022

**IN-NADUR GĦAWDEX – TRIQ IT-TIĠRIJA U TRIQ IL-QALA - XOGĦLIJIET**

**2870. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta hu maħsub li jibda x-xogħol fuq Triq it-Tiġrija u Triq il-Qala fin-Nadur? Jista' jgħid jekk meta se jsir dan ix-xogħol hux se jkun jinkludi x-xogħol neċessarju fuq culvert adegwat biex jilqa' l-ilma tax-xita f'dawn it-toroq u li jaqbeż il-parti residenzjali ta' Triq San Blas?

10/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif kien dan il-Ministeru li bena mill-ġdid triq l-Imġarr li kienet tħalliet tikkrolla bil-mod għal għexieren ta' snin u li issa saret triq arterjali tal-għola livell bi struttura unika fi gżiritna, hekk ukoll issir Triq it-Tiġrija u Triq l-Qala li tħallew għal għexiren ta' snin fi stat ħażin.

L-interventi meħtieġa, inkluż l-imsemmi Culvert, isiru skont il-pariri tekniċi sabiex dawn it-toroq li saru fis-sebgħinijiet ikunu magħmula bl-għola livell possibbli għal użu u għal benefiċċju tar-residenti tal-madwar u ta' kull min jgħaddi minnhom.

Seduta 38
26/10/2022

**TRASPORT PUBBLIKU - ĦLASIJIET LILL-OPERATUR TAL-KAROZZI TAL-LINJA**

**2871. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien l-ammont totali li l-Gvern ħallas lill-kumpanija li topera t-trasport pubbliku tal-karozzi tal-linja f'Malta, ta' kull sena b'effett minn meta ngħata dan il-kuntratt sal-lum?

10/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tgħarif għadu qed jinġabar.

Seduta 38
26/10/2022

**REĠISTRU TA' ĦADDIEMA FIS-SETTUR AGRIKOLU**

**2982. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 142 u 1112, jista' l-Ministru jgħid jekk:

(a) jeżistix elenku/lista/reġistru tal-ħaddiema involuti fis-Settur Agrikolu skont is-sengħa u tip ta' ingaġġ (full/part-time u/jew każwali); u
(b) jekk din l-informazzjoni hijiex miġbura anke minn entitajiet oħrajn, fosthom il-Jobsplus?
Jekk il-Gvern m'għandux l-informazzjoni hawn fuq imsemmija, jista' l-Ministru jgħid kif il-Gvern u/jew entitajiet u dipartimenti tiegħu jistgħu:
(a) jitkellmu fuq l-impatt ta' ċerti issues, bħal tnaqqis ta' bejgħ, fuq il-ħaddiema u l-familjari tagħhom;
(b) jikkalkolaw kemm se jiġu jiswew miżuri għal għajnuna bħala kumpens ta' nuqqas ta' dħul għall-ħaddiema fis-settur; u
(ċ) jipproġettaw miżuri biex ħaddiema fis-settur li jispiċċaw bla xogħol isibu xogħol alternattiv u s-sengħa u l-ħiliet tagħhom ma jintilfux?

11/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Skont l-aħħar figuri miġburin mill-Uffiċċju tal-Istatiska, jidher illi 93.7% tal-azjendi agrikoli jitħaddmu minn bdiewa weħidhom. Dan jindika li ftit huma dawk li jħaddmu nies fl-intrapriża tagħhom. Għadaqstant,l-informazzjoni li għandu dan il-Ministeru dwar min jaħdem l-art agrikola tista' tintuża għall-iskopijiet sabiex:

· Jiġi studjat l-impatt fuq numru ta' kwistjonijiet relatati mas-settur;
· Isiru kalkolazzjonijiet fuq kemm ser jiġu jiswew miżuri għall-kumpens skont il-ħtieġa li tinħoloq f'dan is-settur; kif ukoll
· Jiġu proġettati miżuri varji sabiex dejjem itejbu u jsaħħu dan is-settur filwaqt li jibbenefikaw il-partijiet interessati kollha fi ħdan is-settur.

Infurmat ukoll illi informazzjoni dwar jekk il-bdiewa humiex irreġistrati bħala part-time u full-time tinżamm mill-Jobsplus.

Seduta 38
26/10/2022

**REĠISTRU TA' ĦADDIEMA FIS-SETTUR AGRIKOLU – ADVISORY COST LIMIT BIEX JINĠABAR IT-TAGĦRIF**

**2983. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 142, jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-advisory cost limit biex tinġabar l-informazzjoni kif mitluba f'din il-mistoqsija parlamentari?

11/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-Mistoqsija Parlamentari numru18788.

Seduta 38
26/10/2022

**RIFORMA FIL-PITKALIJA**

**2984. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 820, jista' l-Ministru jgħid fiex kien jikkonsisti t-titjib fir-riforma tal-Pitkalija maqsuma sena b'sena mill-2018, 2019, 2020, 2021 u 2022 sad-data meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż in-nefqiet relatati sena b'sena?

11/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti.

| Sena | Tip ta' Nefqa | Ammont € |
|---|---|---|
| 2020 | Tagħmir (equipment) | / |
| 2020 | IT | / |
| 2020 | Titjib tal-Faċilitajiet (upgrading of facilities) | / |
| 2021 | Tagħmir | 286,224 |
| 2021 | IT | 6,735 |
| 2021 | Titjib tal-Faċilitajiet | 191,206 |
| 2022 | Tagħmir | 64,719 |
| 2022 | IT | 30,644 |
| 2022 | Titjib tal-Faċilitajiet | 229,082 |

Seduta 38
26/10/2022

**REKLAMAR TAL-PRODOTT LOKALI**

**2985. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 819, jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-budget għat-tieni nofs ta' din is-sena f'dak li għandu x'jaqsam ma' reklamar tal-prodott lokali?

11/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 38
26/10/2022

**BASTIMENTI TAS-SAJD IRREĠISTRATI**

**2986. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' bastimenti tas-sajd irreġistrati f'Malta u f'Għawdex separatament sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' bastimenti tas-sajd f'Malta u f'Għawdex li huma reġistrati mad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, sal-lum huwa kif jidher fit-tabella t'hawn taħt.

| Kategorija tal-Bastimenti | Numru ta' Bastimenti rregistrati f'Malta | Numru ta' Bastimenti rregistrati f'Għawdex | Total fil-Kategorija |
|---|---|---|---|
| MFA | 329 | 64 | 393 |
| MFB | 334 | 85 | 419 |
| MFC | 1596 | 330 | 1926 |
| Total ta' Bastimenti tas-Sajd | **2259** | **479** | **2738** |

Seduta 38
26/10/2022

**FOOD SAFETY AGENCY**

**2987. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-funzjoni tal-Food Safety Agency? Kemm tħaddem nies magħha din l-Aġenzija?

11/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 38
26/10/2022

**DONATURI TAL-ORGANI – KUNSENS TAN-NEXT OF KIN**

**3046. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk jintalabx il-kunsens tan-next of kin allavolja l-persuna tkun reġistrata bħala donatur tal-organi?

13/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kull persuna li tkun għalqet is-sittax-il sena, tista' tirreġistra biex tagħti l-organi tagħha. Jekk tkun irreġistrata bħala donatur ix-xewqa tal-individwu tiġi rrispettata wara mewtu, waqt li l-qraba tal-persuna deċeduta jiġu infurmati biss.Wara l-mewt ta' minuri, li fiż-żmien tal-mewt ikun għadu taħt is-sittax-il sena, il-ġenituri jew kustodji legali għandhom jiġu kkonsultati fir-rigward li ssir donazzjoni ta' organu, tessut jew ċellola. F'każ illi persuna ma tkunx irreġistrata wara mewtha, il-kliniċi jistgħu jitolbu l-kunsens tal-qraba għal donazzjoni ta' organi.

Seduta 38
26/10/2022

**AMERICAN UNIVERSITY OF MALTA – AUDIT REPORT**

**3098. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2680, jista' l-Ministru jippubblika l-*audit report* li fih jinkludi l-proċess ta' evalwazzjoni li sar lill-American University of Malta (AUM) sabiex kellha l-liċenzja mġedda għal ħames snin oħra?

14/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab pubblika fil-website tal-MFHEA.

Seduta 38
26/10/2022

**BLOCKCHAIN**

**3099. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern addottax jew qiegħed fil-proċess li jaddotta t-teknoloġija tal-blockchain bħala parti integrali mis-sistemi tal-entitajiet u awtoritajiet tal-Gvern? Jekk iva, jista' jispjega kif l-entitajiet u awtoritajiet governattivi jutilizzaw it-teknoloġija tal-blockchain?

14/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-teknoloġija tal-blockchain ġiet adottata fejn tali teknoloġija tista' tkun ta' valur miżjud fil-proċessi li joperaw l-entitajiet tal-Gvern. Dan ifisser li mhux kull entità tista' jew għandha bżonn taddotta din it-teknoloġija bħala parti integrali tas-sistemi jew proċessi.

Fil-preżent, it-teknoloġija tal-blockchain qed tintuża mill-Awtorità tad-Djar dwar kuntratti tal-kiri, liema soluzzjoni hija wkoll iċċertifikata mill-Awtorità għall-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta (MDIA). Il-blockchain qed tintuża wkoll minn entitajiet governattivi fil-kamp tal-edukazzjoni u oħrajn rigward ċertifikati blockcerts, fejn 'il

fuq minn 55 entità tagħmel użu minnhom. L-MDIA qed tassisti diversi entitajiet governattivi oħrajn li xtaqu jimplimentaw it-teknoloġija tal-blockchain f'xi proċessi li ġew identifikati bħala validi għal din it-teknoloġija, dawn jinkludu, informazzjoni fuq prodotti tal-artiġjanat f'Għawdex, permessi tal-ippjanar, reġistri pubbliċi, u l-proprjetà intellettwali. B'kollox il-Gvern għandu 58 soluzzjoni li jużaw din it-teknoloġija u 11 oħra jinsabu fil-proċess ta' implimentazzjoni.

Seduta 38
26/10/2022

**ĊIMITERJU TAL-ANNIMALI**

**3100. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2479, jista' l-Ministru jgħid f'liema sena tal-leġiżlatura huwa previst li jitlesta u jibda jopera ċ-Ċimiterju tal-Annimali? Peress li mill-informazzjoni li ngħatat fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 572 kien ippjanat li dan jitlesta sal-aħħar tas-sena 2022, jista' jgħid jekk hemmx xi dewmien f'dan il-proġett? Jekk iva, jista' jispjega r-raġuni għal dan id-dewmien?

14/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 38
26/10/2022

**PETTING FARM**

**3101. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk hux maħsub li jsir titjib fil-Petting Farm f'Ta' Qali li skont rapport fil-midja bħalissa jinsab fi stat diżastruż u li fuqu qamu kwestjonijiet ta' periklu u nuqqas ta' sigurtà għal dawk li jiffrekwentawh?

14/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li assolutament mhux minnu dak li qed tirreferi għalih l-Onor. Interpellanta fil-mistoqsija tagħha. Tajjeb ngħid ukoll li Parks Malta tieħu ħsieb biex regolarment issir il-manutenzjoni meħtieġa ħalli dan il-post jattira dejjem aktar viżitaturi li jixtiequ jkunu qrib tal-annimali u n-natura. Bl-istess mod se nkomplu nipprovdu l-aħjar kura lil dawn l-annimali li hemm fil-Petting Farm.

Seduta 38
26/10/2022

**IS-SIĠĠIEWI – MISRAĦ IL-VITTMI TAL-GWERRA – QTUGĦ TA' DAWL**

**3103. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Peress li kien hemm ilmenti rigward qtugħ ta' dawl f'xi toroq u żoni fis-Siġġiewi, partikolarment f'Misraħ il-Vittmi tal-Gwerra, tista' l-Ministru tgħid x'qed isir dwar dan?

14/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li min-nofs Awwissu 'l quddiem, fiż-żona tal-Misraħ il-Vittmi tal-Gwerra, kien hemm każ wieħed ta' sospensjoni tal-provvista tal-elettriku fid-19 t'Awwissu u dan kien għal raġunijiet ta' manutenzjoni. Rigward żoni u toroq l-oħra fis-Siġġiewi li rrefera għalihom l-Onor. Interpellant tajjeb li jingħataw dettalji speċifiċi biex tingħata risposta eżatta.

B'mod ġenerali, meta s-sospensjonijiet ikunu ppjanati, il-kumpanija Enemalta toħroġ avviż minn jumejn qabel u l-klijenti li jirreġistraw għal dan is-servizz jirċievu notifika b'messaġġ personali.

Seduta 38
26/10/2022

**IŻ-ŻEBBIEGĦ - TRIQ SIR TEMI ZAMMIT - VETTURI LI JAGĦMLU U-TURNS WARA L-BOLLARDS**

**3110. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li jsir xi ħaġa biex jitwaqqaf l-abbuż li qed isir bħalissa fi Triq Sir Temi Zammit fl-Imġarr fejn hemm vetturi jagħmlu u-turn wara l-bollards biex jevitaw li jduru mar-roundabout taż-Żebbiegħ?

14/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata seduta oħra.

Seduta 38
26/10/2022

**OPERAZZJONIJIET TAL-KATARRETTI – WAITING LIST**

**3170. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1163 u 2798 u jgħid kemm hemm individwi fuq il-waiting list għall-operazzjoni tal-katarretti?

18/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi jitwettqu bħala medja, bejn 70 – 80 proċedura tal-katarretti kull ġimgħa. Individwi fuq il-waiting list għall-operazzjoni tal-katarretti iktar minn dak stipulat fil-Patients Charter hemm 193 persuna.

Seduta 38
26/10/2022

**VISITMALTA – FTEHIM MA' MANCHESTER UNITED - RENDIKONT**

**3171. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2779 u jagħti rendikont totali u jgħid kemm jiswa l-ftehim li sar mal-Manchester United, tramite VisitMalta?

18/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2779.

Seduta 38
26/10/2022

**BAĠIT 2022 – MIŻURI MHUX IMWETTQA**

**3192. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jindika liema huma l-miżuri/punti li ma twettqux, mill-baġit ippreżentat is-sena li għaddiet?

19/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont prattika li ġiet introdotta disa' snin ilu, għadu kemm ġie ppubblikat 'It-Twettiq tal-Baġit 2022', li jikkonsisti f'rapport fejn jingħata kont dwar kull miżura li tkun tħabbret fil-baġit fis-sena preċedenti.
Nistieden lill-Onor. Interpellant jirreferi għal dan ir-rapport fejn tinsab risposta ddettaljata għal din il-mistoqsija parlamentari.

Seduta 38
26/10/2022

**BDIEWA REĠISTRATI**

**3193. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2938 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa, full-time u part-time, tul dawn l-aħħar għaxar snin u possibbilment sena b'sena?

19/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 38
26/10/2022

**ĦAL QORMI – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA**

**3194. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2939 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Qormi full-time u part-time tul dawn l-aħħar għaxar snin u possibbilment sena b'sena?

19/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 38
26/10/2022

**BIRKIRKARA – TRIQ IN-NAXXAR – TMIEM TAX-XOGĦOL**

**3209. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid għal meta huwa skedat it-tmiem tax-xogħlijiet fi Triq in-Naxxar Birkirkara?

19/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed tibni mill-ġdid din it-triq li hi twila madwar kilometru u għaldaqstant ix-xogħlijiet ġew ippjanati li jsiru f'erba' fażijiet. Ix-xogħlijiet jinkludu tqegħid ta' servizzi taħt l-art għall-ilma, drenaġġ, telekomunikazzjoni u dawl skont il-ħtieġa, kif ukoll qed jinbnew bankini ġodda fuq iż-żewġ naħat qabel ma jissaħħu l-pedamenti u t-triq isirilha wiċċ ġdid b'diversi saffi t'asfalt. It-triq għandha titlesta fil-bidu ta' Diċembru.

Seduta 38
26/10/2022

**IX-XGĦAJRA – TOROQ**

**3215. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru ġewwa x-Xgħajra fl-aħħar tliet xhur ta' din is-sena (2022) u tul is-sena 2023? F'liema xahar huwa pproġettat li jibdew? Kemm ser idum sabiex jitlesta kull proġett? Jista' jelenka liema toroq ser jingħata fihom wiċċ biss u liema ser issir rikostruzzjoni?

19/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalità tax-Xgħajra, Infrastructure Malta diġà bniet mill-ġdid u għamlet xogħlijiet fi Triq Ħaż-Żabbar, Sqaq l-Arkati, Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Triq l-Iskola, Triq l-Ispnott, Triq Lapsi, Triq it-Tumbrell, Triq il-Mulett u Triq San Leonardu.

Infrastructure Malta ilha sa mit-twaqqif tagħha taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin. L-aġenzija għadha kemm varat proċess ta' konsultazzjoni mal-Kunsill

Lokali fejn talbithom biex sa Novembru li ġej jaġġornaw il-lista ta' toroq, li huma ta' prijorità għal-lokalità tagħhom, sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru fis-snin li ġejjin skont skeda dettaljata li se tiġi diskussa u maqbula magħhom fiż-żmien li ġej.

Seduta 38
26/10/2022

**IL-FGURA – TOROQ**

**3216. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru ġewwa l-Fgura fl-aħħar tliet xhur ta' din is-sena (2022) u tul is-sena 2023? F'liema xahar huwa pproġettat li jibdew? Kemm ser idum sabiex jitlesta kull proġett? Jista' jelenka liema toroq ser jingħata fihom wiċċ biss u liema ser issir rikostruzzjoni?

19/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalità tal-Fgura, Infrastructure Malta diġà bniet mill-ġdid u għamlet xogħlijiet fi Triq Buqexrem, Triq ġdida fi Triq l-Għarnuq, Sqaq Rjallu, Triq il-Merħba, Triq is-Sur, Triq l-Għarnuq, Triq San Xmun, Triq San Tumas, Triq San Pietru, Triq Liedna, Triq Żabbar, Triq Hompesch, Triq Anġlu u Marianna Camilleri, Triq l-Għollieq, Triq il-Falkunier u Triq Rgħajja.

Bħalissa qegħdin isiru xogħlijiet fi Triq Mater Boni Consili, Triq San Ġorġ Preca, Triq Pace u Grasso, Triq il-Kitba, Triq Giacomo Matteotti u Triq il-Velleran.

Infrastructure Malta ilha sa mit-twaqqif tagħha taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin. L-aġenzija għadha kemm varat proċess ta' konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali fejn talbithom biex sa Novembru li ġej jaġġornaw il-lista ta' toroq, li huma ta' prijorità għal-lokalità tagħhom, sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru fis-snin li ġejjin skont skeda dettaljata li se tiġi diskussa u maqbula magħhom fiż-żmien li ġej.

Seduta 38
26/10/2022

**RAĦAL ĠDID - TOROQ**

**3217. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru ġewwa Raħal Ġdid fl-aħħar tliet xhur ta' din is-sena (2022) u tul is-sena 2023? F'liema xahar huwa pproġettat li jibdew? Kemm ser idum sabiex jitlesta kull proġett? Jista' jelenka liema toroq ser jingħata fihom wiċċ biss u liema ser issir rikostruzzjoni?

19/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalità ta' Raħal Ġdid, Infrastructure Malta diġà bniet mill-ġdid u għamlet xogħlijiet fi Triq Ġużeppi Agius, Triq iċ-Ċimterju, Triq il-Ġdida, Triq il-Prinċipessa Marija, Triq il-Qalb ta' Ġesù, Triq il-Wied, Triq ix-Xewk, Triq Kordin, Triq M Moran, Triq Sammat u Triq Bormla.

Bħalissa qegħdin isiru xogħlijiet fi Triq is-Sorijiet u Triq Karl Chircop.

Infrastructure Malta ilha sa mit-twaqqif tagħha taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin. L-aġenzija għadha kemm varat proċess ta' konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali fejn talbithom biex sa Novembru li ġej jaġġornaw il-lista ta' toroq, li huma ta' prijorità għal-lokalità tagħhom, sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru fis-snin li ġejjin skont skeda dettaljata li se tiġi diskussa u maqbula magħhom fiż-żmien li ġej.

Seduta 38
26/10/2022

**ĦAL TARXIEN – TOROQ**

**3218. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru ġewwa Ħal Tarxien fl-aħħar tliet xhur ta' din is-sena (2022) u tul is-sena 2023? F'liema xahar huwa pproġettat li jibdew? Kemm ser idum sabiex jitlesta kull proġett? Jista' jelenka liema toroq ser jingħata fihom wiċċ biss u liema ser issir rikostruzzjoni?

19/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalità ta' Ħal Tarxien, Infrastructure Malta diġà bniet mill-ġdid u għamlet xogħlijiet fi Triq is-Sorijiet, Triq iż-Żejtun, Triq Marjanu Gerada, Triq Santa Marija, Triq Paola, Triq Birbixkilla, Triq Ġużeppi Montebello, Triq Francesco Crispi, Triq San Anard, Triq Xintill, Triq l-Isqajjaq, Triq it-Tabib Jimmy Farrugia u numru ta' sqaqien, Triq Santu Wistin, Triq il-Lampuka, Triq it-Tarzna, Triq il-Knisja, Vjal Simmons, Triq Birżebbuġa u Triq Manuel Buhagiar. L-aġenzija fetħet ukoll parkeġġ pubbliku ġdid bi spazju għal 128 vettura biswit il-Kulleġġ San Tumas More Skola Medja, inqas minn 200 metru mill-Knisja Parrokkjali. Dawk li jgħixu f'dawn l-inħawi, jew li jżuruhom, jistgħu jipparkjaw fih u jimxu l-bqija tat-triq lejn il-qalba tal-lokalità u b'hekk ikunu qed inaqqsu l-karozzi fit-toroq dojoq tal-madwar.

Bħalissa qegħdin isiru xogħlijiet fi Triq Sant' Antnin.

Infrastructure Malta ilha sa mit-twaqqif tagħha taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin. L-aġenzija għadha kemm varat proċess ta' konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali fejn talbithom biex sa Novembru li ġej jaġġornaw il-lista ta' toroq, li huma ta' prijorità għal-lokalità tagħhom, sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru fis-snin li ġejjin skont skeda dettaljata li se tiġi diskussa u maqbula magħhom fiż-żmien li ġej.

Seduta 38
26/10/2022

**SANTA LUĊIJA - TOROQ**

**3219. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru ġewwa Santa Luċija fl-aħħar tliet xhur ta' din is-sena (2022) u tul is-sena 2023? F'liema xahar huwa pproġettat li jibdew? Kemm ser idum sabiex jitlesta kull proġett? Jista' jelenka liema toroq ser jingħata fihom wiċċ biss u liema ser issir rikostruzzjoni?

19/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalità ta' Santa Luċija, Infrastructure Malta diġà bniet mill-ġdid u għamlet xogħlijiet fi Triq Bruka, Triq il-Ġizimin, Triq Żnuber, Triq Gardenja, Dawret it-Torri, Triq il-Prinjoli, Triq Katerina Vitale, Triq Klematis, Trejqet Garnaw, Triq Dun M. Mifsud u Triq l-Istefanotis.

Infrastructure Malta ilha sa mit-twaqqif tagħha taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin. L-aġenzija għadha kemm varat proċess ta' konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali fejn talbithom biex sa Novembru li ġej jaġġornaw il-lista ta' toroq, li huma ta' prijorità għal-lokalità tagħhom, sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru fis-snin li ġejjin skont skeda dettaljata li se tiġi diskussa u maqbula magħhom fiż-żmien li ġej.

Seduta 38
26/10/2022

**IL-GUDJA – TOROQ**

**3220. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru ġewwa l-Gudja fl-aħħar tliet xhur ta' din is-sena (2022) u tul is-sena 2023? F'liema xahar huwa pproġettat li jibdew? Kemm ser idum sabiex jitlesta kull proġett? Jista' jelenka liema toroq ser jingħata fihom wiċċ biss u liema ser issir rikostruzzjoni?

19/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalità tal-Gudja, Infrastructure Malta diġà bniet mill-ġdid u għamlet xogħlijiet fi Triq Filippu Castagnia, Triq il-Lewż, Triq Awrekarja, Triq Ħal Resqun, Triq Raymond Caruana, Triq id-Dejqa, Triq Ħal Saptan, Vjal it-Torri, Triq il-Kappella, Triq Santa Katerina, Triq Joseph Pace, Triq Bir Miftuħ, Triq William Baker, Triq Vincenzo Dimech, Triq il-Mazza u Sqaq Ħabel Wati.

Infrastructure Malta ilha sa mit-twaqqif tagħha taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin. L-aġenzija għadha kemm varat proċess ta' konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali fejn talbithom biex sa Novembru li ġej jaġġornaw il-lista ta' toroq, li huma ta' prijorità għal-lokalità tagħhom, sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru fis-snin li ġejjin skont skeda dettaljata li se tiġi diskussa u maqbula magħhom fiż-żmien li ġej.

Seduta 38
26/10/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – POST FEJN TINGĦATA T-TILQIMA TAL-INFLUWENZA U TA' KONTRA L-COVID-19**

**3259. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3034, filwaqt li napprezza li r-residenti tal-Mellieħa u tan-Naxxar se jkunu jistgħu jieħdu t-tilqima tal-influwenza u t-tilqima kontra l-virus tal-COVID-19 fil-lokalità fejn joqogħdu, għax dan inaqqas l-iskariġġ għal min hu kkonċernat, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkonsidra li minkejja li f'San Pawl il-Baħar ma hemmx klinika, jinstab post f'din il-lokalità minn fejn ir-residenti jingħataw it-tilqima, iktar u iktar bħalissa peress li l-poliklinika tal-Mosta għandha wkoll il-funzjoni li toffri servizzi li qabel kienu jingħataw mill-poliklinika ta' Birkirkara?

20/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm 10 Ċentri tas-Saħħa u 21 Klinika tal-Komunità li jinsabu mifruxa madwar Malta u Għawdex fejn qed jingħataw it-tilqim tal-influwenza u t-tilqim kontra l-virus tal-COVID-19.

Seduta 38
26/10/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – PARTIJIET MIL-LOKALITÀ LI GĦADHOM MINGĦAJR SISTEMA TAD-DRENAĠĠ**

**3260. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar liema partijiet mil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar għadhom mingħajr sistema tad-drenaġġ? F'kull każ, meta hu maħsub li din is-sistema titwassal fl-inħawi fejn sa issa għad ma hemmx tali sistema? Xi studji wettqet il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex tipprepara għal din l-estensjoni fis-sistema?

20/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li ma jidhirx li hemm xi partijiet mil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar li m'għandhomx sistema tad-drenaġġ.

Seduta 38
26/10/2022

**IX-XEMXIJA – XOGĦLIJIET FUQ SISTEMA TAD-DRENAĠĠ**

**3261. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għax-xogħol li qed jingħad li ser isir fl-inħawi tax-Xemxija fuq is-sistema tad-drenaġġ, tista' l-Ministru tipprovdi kopja tat-Traffic Management Plans għal waqt dawn l-istess xogħlijiet? Billi qed jingħad li x-xogħol ser ikun qed isir billejl, tista' tagħti wkoll tagħrif dwar kif ser jiġi assigurat li l-istorbju waqt ix-xogħol ikun l-inqas wieħed possibbli?

20/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** It-traffic management plans ikunu jridu jiġu sottomessi lil Transport Malta mill-kuntrattur li jkun ser iwettaq il-proġett.
Ninsab infurmata li f'dan l-istadju għad m'hemmx kuntrattur magħżul u allura għadu kmieni biex ikun hemm traffic management plan. Fir-rigward tal-ħsejjes il-kuntratt se jkun jesiġi li l-kuntrattur jadotta l-miżuri kollha neċessarji sabiex jillimita tali ħsejjes.

Seduta 38
26/10/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI RIGWARD ŻVILUPP MARBUT MAL-ISKOLA PRIMARJA TAL-QAWRA**

**3262. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar jekk preżentement hemmx applikazzjonijiet pendenti quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar għal dak li jikkonċerna l-iżvilupp marbut mal-Iskola Primarja tal-Qawra? Jekk iva, fiex jikkonsisti l-iżvilupp li għalih l-applikazzjoni għadha pendenti? Jista' jagħti tagħrif dwar jekk l-istess skola għandhiex compliance certificate mill-Awtorità tal-Ippjanar?

20/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma hemm l-ebda applikazzjoni pendenti fir-rigward ta' din l-iskola quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar.

Seduta 38
26/10/2022

**GĦAWDEX – HELIPORT - APPLIKAZZJONI**

**3263. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Billi reċentement ingħad li saret applikazzjoni biex il-heliport Għawdex jiġi estiż ħalli jkun jista' jieħu ajruplani fixed wing, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dawn il-pjanti? Jista' jagħti tagħrif dwar kemm hu stmat li jiswa x-xogħol li għalih qiegħda ssir l-applikazzjoni? Jista' jagħti tagħrif dwar jekk hemmx operaturi ta' ajruplani li diġà wrew interess li jużaw din il-faċilità, u jekk iva għal liema destinazzjoni?

20/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** B'dan il-proġett se tkompli tissaħħaħ il-konnettività t'Għawdex b'rispett sħiħ lejn l-ambjent tal-madwar. Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti li ġew rikjesti.

Seduta 38
26/10/2022

**TRASPORT BIL-FAST FERRY BEJN MALTA U GĦAWDEX - ŻVILUPPI**

**3264. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar xi żviluppi kien hemm għal dak li jirrigwarda t-trasport bil-fast ferry bejn Malta u Għawdex? Billi fl-aħħar ġimgħat kien hemm rapporti li tkellmu dwar possibiltà ta' sussidju għal dan it-trasport, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar jekk id-diskussjonijiet bdewx inkella le? Jista' jagħti tagħrif dwar meta hu maħsub li jidħol fis-seħħ dan l-istess ftehim?

20/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 38
26/10/2022

**GĦAWDEX – SERVIZZ TA’ HELPERS**

**3300. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn anzjani Għawdxin li jridu s-servizz ta’ helpers fid-djar tagħhom imma mhux jingħatalhom? Jista’ jgħid kemm hawn anzjani li sa sitt xhur ilu kellhom is-servizz ta’ helpers fid-dar tagħhom f’Għawdex imma m’għadux jingħatalhom? Jista’ jgħid ukoll minn Jannar tal-2021 sal-lum kemm kien hemm helpers f’Għawdex li telqu minn fuq il-post tax-xogħol tagħhom? Jista’ jgħid kemm hu dan l-ammont kull xahar tal-helpers li telqu?

21/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u tingħata f’xi seduta oħra.

Seduta 38
26/10/2022

**GOZO CHANNEL - PASSENGER CAPACITY**

**3301. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista’ l-Ministru jgħid x’inhi r-raġuni li l-vapur tal-Gozo Channel mhux jgħabbi ‘full-passenger capacity’ u ħafna persuni qed jibqgħu l-art, speċjalment fil-‘peak-time’?

21/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-vapuri tal-Gozo Channel jgħabbu passiġġieri skont in-numru ta’ ekwipaġġ preżenti fuq il-vapur.
Il-maximum capacity ta’ passiġġieri li jirkbu fuq il-vapur huwa ta’ 500 passiġġier jew 900 passiġġier, u dan jiddependi min-numru t’ekwipaġġ li jkun hemm fuq l-istess vapur.
Il-kumpanija tħaddem numru t’ekwipaġġ ibbażżat fuq il-projected capacity, u iva jista’ jkun hemm xi każi rari fl-off-peak time fejn jinzerta li n-numru ta’ passiġġieri li jridu jużaw il-vapur ikun akbar min dak proġettat. Fi kwalunkwe każ, waqt il-peak-time, il-vapuri ikollhom ekwippaġġ biżżejjed biex ikunu jistgħu jgħabbu l-maximum capacity ta’ passiġġiera li huwa dak ta’ 900 passiġġier.

Seduta 38
26/10/2022

**KARIGA TA' HEAD OF DEPARTMENT POST-SECONDARY**

**3302. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-irwol ġdid ta' Head of Department Post-Secondary u kif inhu differenti minn Head of Department ta' suġġett? Jista' jikkonferma jekk din hijiex kariga ġdida ladarba karigi simili jeżistu fil-livell ta' Education Officers biss? Jista' jgħid ukoll kemm-il persuna ġiet ingaġġata f'din it-tali kariga?

21/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rwol tal-Kap tad-Dipartiment hu li jassisti lill-Kapijiet tal-Iskejjel Post-Sekondarji fl-ippjanar kurrikulari ħolistiku mingħajr ma jkun marbut ma’ l-ebda suġġett partikulari.
Il-ħtieġa ta’ dan ir-rwol inħasset minħabba li l-qasam post-sekondarju ma jgawdix mis-servizz ta’ Uffiċjal Edukattiv li jaħdmu mal-iskejjel Primarji u Sekondarji. F’dan ir-rwol ġiet ingaġġata persuna waħda biss.

Seduta 38
26/10/2022

**MFHEA - AUDITS**

**3303. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta saru l-aħħar audits min-naħa tal-Malta Further & Higher Education Authority (MFHEA) tal-entitajiet tal-Gvern li joffru edukazzjoni terzjarja jew għall-adulti, l-Università ta' Malta, l-MCAST, l-ITS, il-Jobsplus, l-Akkademja tal-Pulizija, l-Akkademja tal-Forzi Armati, id-Direttorat tal-Edukazzjoni tal-Adulti (li jaqa' fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni) u l-IFE? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar audits għal kull entità u jgħid meta se jkunu qed isiru l-audits li jmiss għal kull entità?

21/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 38
26/10/2022